**TAL-PIETA`**

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 54

L-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresediet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri, Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 53 li saret nhar it-Tlieta, 22 ta' Awwissu, 2023, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm hwejjeg li jirriżultaw mill-minuti

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Il-Kunsill gie infurmat b'invit tal-Kunsill Regjonali Lvant ghal seminar "Clean localities – our shared Responsibility" li ser isir fis-6 ta' Ottubru.

## 5 MISTOQSIJIET

*5.1* Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk jistghux isiru doggy bins fil-gnien tat-Torpedo Depot u fi Triq Pietru Xuereb. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fil-gnien tat-Torpedo Depot m'hemmx problema li jsir u fi Triq Pietru Xuereb irid jinstab l-ahjar post biex ma jdejjaq lil hadd. Se jkun qed jiċċekkja wkoll jekk fadalx minnhom fl-istore.

*5.2* Il-Vici Sindku tkellem dwar il-pots li hemm fi Pjazza Madonna ta' Fatima u jekk jistghux jitnehhew minhabba li hemm talba minn hafna nies biex jitnehhew. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jkun ahjar jekk jinstab post alternattiv ghalihom sabiex meta jinġabru jittiehdu fil-post il-gdid mill-ewwel. Il-Kunsillier Savo semma wkoll li qieghed ikun hemm minn kull tip ta' hmieg madwar l-iskips;

*5.3* Il-Vici Sindku semma wkoll li hemm il-htiega ta' *refreshing* ta' *road markings* fi Triq San Guzepp kif tohrog minn Triq Edgar Ferro. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li se jinforma b'dan lill-haddiema tal-Kunsill.

*5.4* Il-Kunsillier Savo staqsa jekk mas-servizz tal-knis tistghax tibda tiġi miknusa wkoll ir-rampa ghal knisja. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jkellem lill-kuntrattur tal-knis dwar dan;

*5.5* Il-Kunsillier Savo staqsa jekk hux qed isir xi haġa fejn qed isir il-progett ta' Triq Marina, sabiex l-ilma tax-xita li jinġabar fit-triq, imur lejn il-bahar. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jiċċekkja mal-GHRC dwar dan;

***5.6*** Il-Vici Sindku Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar l-istat li jinsab fih il-gnien ta' quddiem il-club tal-bocci. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan huwa responsabbillta` tal-GEB u l-Kunsill diġà ġibed l-attenzjoni dwar dan;

***5.7*** Il-Vici Sindku Camilleri ġibed l-attenzjoni ukoll dwar kif sar ix-xoghol fit-trinka li saret fi Triq Santa Monika. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien informa diversi drabi lil IM u TM dwar dan u s'issa ghadu ma sar xejn;

***5.8*** Il-Kunsillier Savo staqsa jekk fadalx isir xi xoghol fi Pjazza Madonna ta' Fatima. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fadal affarijiet zghar li se jiġu mitkellma ma' IM wara li jkun konkluż ix-xoghol fi Pjazza San Luqa.

***5.9*** Il-Kunsillier Pisani issuġġerixxa li mal-lista tal-postijiet diġà identifikati sabiex isiru charging points, jiżdied il-post San Guzepp k/m Triq Hookham Frere. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jinkludi dan il-post mal-lista.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Sindku rreferiet ghaz-zbir tas-sigar li sar ricentament fi Triq Marina quddiem il-Yacht Marina apartments u dwar kif żewġ siġar partikolari inżabru b'mod li thallewlhom iz-zokk biss. Hija qalet li residenti infurmawha li kien Kunsillier Mark li qal lill-haddiema biex dawn jiġu hekk.

Il-Kunsillier Pisani qal li hu ma kien ta l-ebda ordni sabiex dawn jinqatghu hekk. Huwa qal li kien preżenti waqt li kien qed isir dan iz-zbir minhabba li residenta minn hemmhekk kienet ilmentat dwar il-bzonn li s-sigar jinzabru.

Il-Kunsillier Savo qal li kien hemm komunikazzjoni mieghu minn persuna li qaltlu li l-Kunsillier Mark kien ta ordni biex dawn iz-zewg siġar jinzabru hekk.

Il-Kunsiller Pisani insista li hu ma tax ordnijiet u qal li dawk mhux il-haddiema tieghu u ghalhekk ma jistax itihom ordnijiet. Qal ukoll li dawn is-sigar ma tqacctux iżda nqatghu hekk ghax forsi setghu kienu perikolużi. Huwa qal li kienu l-haddiema li ddecidew li dawn jinqatghu hekk.

Il-Kunsillier Savo saqsa ghaliex kienu nzabru b'dan il-mod, żewġ siġar biss.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li mill-ufficcju ma kienet harget l-ebda ordni sabiex iz-zbir ta' dawn iz-zewg siġar isir b'dan il-mod.

Il-Kunsillier Pisani irrefera ghal email li kien baghat lis-Sur Paul Caruana, CEO ta' GEB, dwar dan il-kaz (Appendici A)

***6.2*** Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hemm problema bid-dawl ta' Pjazza Isidor Formosa. Il-lampi huma fi stat hazin hafna u hemm hsarat fil-wiring. Temporanjament tpoġġa dawl sabiex il-Pjazza ma tkunx fid-dlam. Issugerixxa li l-Kunsill japplika mill-fondi tad-DPF sabiex jinbidel id-dawl tal-Pjazza. Kien hemm qbil dwar dan.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 50. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-5.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Hamis, 26 ta' Ottubru, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku